# Il-Ħadd 06.09.2015

1. Illum 06/09:
   - Nirringrazzjaw lis-Seminarista Jonathan Debattista, fi tmiem l-esperjenza tiegħu fil-parroċċa tagħna matul dawn ix-xhur tas-Sajf. Nawgurawlu u nitolbu għalih.

2. It-Tlieta 08/09, it-Twelid tal-Madonna - Il-Bambina:
   - Tajjeb li nqaddsu dan il-jum bis-sehem tagħna fil-quddiesa, li tkun fl-istess ħinijiet ta' matul il-ġimgħa.

3. L-Erbgħa 09/09:
   - Fis-7:15pm tiltaqa' il-Kummissjoni Djakonija fl-Uffiċċju Parrokkjali.

4. Il-Ħamis 10/09:
   - Ser ikollna Ħarġa għal Għawdex. Tluq fis-6:30am u nkunu lura għat-8:00pm. Biljetti u dettalji mingħand il-helpers.

5. Is-Sibt 12/09:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.
   - Fid-9:00pm tibda quddiesa u laqgħa ta' talb għall-qdusija tal-kleru li tispiċċa fil-11:00pm. Ser issir fil-knisja parrokkjali ta' Sant' Andrija, Ħal Luqa.

6. Mit-Tnejn 14/09 sas-Sibt 19/09:
   - Mis-6.30pm 'il quddiem, is-Soċjetà tal-MUSEUM ser torganizza attività bl-isem FAST-FORWARD-PAUSE-PLAY. Din se ssir fiċ-Ċentru għall-Konferenzi, Dar il-Ħanin Samaritan, Santa Venera. Se jkun hemm films u diskussjonijiet fuq temi attwali, u diversi attivitajiet għall-familja kollha. Kulħadd mistieden.

7. Avviżi oħra:
   - Il-Każin Banda San Pawl jixtieq jgħarrafkom li mill-envelopes li nġabru b'risq il-festa esterna ta' San Pawl intlaħqet is-somma ta' € 6,395. Grazzi lil kull min ta sehmu.
   - Infakkar li flimkien mal-Banda San Pawl, bħala parroċċa ħsibna wkoll biex nipproduċu tifkira xierqa ta' din il-festa, bil-produzzjoni ta' double DVD li ser ikun fih iċ-ċelebrazzjonijiet prinċipali ta' din il-festa flimkien ma' aspetti differenti dwar il-proċess tar-restawr. Il-prezz ser ikun € 15 u l-booking jista' jsir mill-Uffiċċju Parrokkjali jew mill-Każin.

8. Matul il-ġimgħa tal-festa ġbarna:
   - € 322 mill-ġbir li sar fil-Ħruġ min-Niċċa;
   - € 165 mill-ġbir li sar fil-Jiem tat-Tridijiet;
   - € 512 mill-ġbir li sar f'Jum il-Festa;
   - € 837 mill-ġabra li saret fid-Dħul tal-Purċissjoni;
   - € 160 bħala donazzjonijiet b'risq l-Arbural tal-Festa;
     li hekk b'mod totali laħaq is-somma ta' € 7,758;
   - € 650 mill-Bukkett li ma jinxifx għar-restawr tal-istatwa ta' San Pawl.
   - € 110 bħala donazzjonijiet bl-istess għan.
   - € 30 bħala donazzjonijiet għar-restawr tal-bankun u tan-niċċa ta' San Pawl.
     Grazzi mill-qalb u prosit lil kulħadd.